MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1073/2003

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**Dr. Vincent Galea u l-P.L. Veronica Rossignaud nominati Kuraturi Deputati bid-Digriet tat-23 ta' Lulju, 2003 sabiex jirraprezentaw lill-assenti Catherine Psaila (I.D. Nru. 215190(M))**

Il-Qorti,

Rat l-att tar-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti tesponi bir-rispett u l-P.L. Joseph Zammit ghan-nom u *in rapprezentanza* tal-*Bank of Valletta p.l.c.* bil-gurament jikkonferma:

Illi, b'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 13 ta' Gunju, 1996 *in atti* Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel (Dok.

“A”), Catherine Psaila ikkostitiwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta’ *Bank of Valleta p.l.c.* fis-somma ta’ hdax-il elf Liri Maltin (Lm 11,000.00).

Illi, l-intimata Catherine Psaila tinsab illum debitrici tas-socjeta *Bank of Valleta p.l.c.* fis-somma ta’ hdax-il elf, tmien mija u sebgha u sebghin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm 11,877.60) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 2003.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta’ jigi ezegwit u l-konvenut ma hallasx id-debiti tieghu u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha tezegwixxi l-kuntratt datat 13 ta’ Gunju, 1996 *in atti* Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel fl-ismijiet premessi sabiex tottjeni l-pagament ta’ hdax-il elf, tmien mija u sebgha u sebghin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm 11,877.60) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 2003.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li *in forza* taghha eccepew;

Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jressqu risposta addizjonali jekk ikun il-kaz fi stadju ulterjuri.

Illi ghal kull *buon fini*, l-esponenti qeghdin jissottomettu kopja ta’ ittra li huma baghtu lid-difensur tas-socjeta’ rikorrenti sabiex jaghtihom l-informazzjoni kollha necessarja halli huma jkunu jistghu jikkomunikaw ma’ l-*assenti*.

Rat illi l-intimati ma ressqu ebda opposizzjoni ghat-talba;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fic-cirkustanzi tal-kaz, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------